MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 760/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Keith Rizzo**
**I.D. 788959 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ hames mija u wiehed u disghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€591.27c), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 448274 u dan fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' hames mija wiehed u disghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€591.27c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------